Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 86/2018

Fil-kwistjoni tax-xogħol numru 3458 bejn

**Brian Farrugia (ID: 114785M)**
**(appellat)**

**Vs**

**Arkadia Marketing Ltd**
**(appellanti)**

25 ta' Frar, 2019

1. **Dan huwa appell minn żewġ deċiżjonijiet fl-ismijiet premessi mogħtija mit-Tribunal Industrijali fis-16 ta' Mejju 2017 u fis-17 ta' Lulju, 2018, rispettivament. Permezz tad-deċiżjoni preliminari, it-Tribunal ddikjara ruħhu kompetenti jisma' l-każ odjern inkwantu ddeċieda li r-riżenja mill-impjieg tar-rikorrent kienet fil-fatt tkeċċija. Sussegwentement b'deċiżjoni finali iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet waħda nġusta u bi ksur tal-liġi u konsegwentement iffissa kumpens favur ir-rikorrent fis-somma ta' €12,904.16.**

2. In sinteżi, il-proċeduri fil-prim' istanza żvolġew kif ġej:

2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali fil-15 ta' April 2016, Stephen Briffa ippremetta li huwa kien impjegat *full time* mas-soċjetà intimata bħala '*stacker*' għal ħdax-il sena iżda fil-25 ta' Jannar 2016 ġie nfurmat li l-impieg tiegħu kien ser jiġi tterminat għal raġunijiet dixxiplinarji, iżda ngħata l-għażla li jirreżenja flok jitkeċċa. Jilmenta li huwa ġie imġiegħel jiffirma dikjarazzjoni li qed jirreżenja, liema dikjarazzjoni ġiet dettata lilu. Minkejja dan, huwa dejjem għamel xogħlu sew u saħansitra ngħata rakkomandazzjoni mill-appellanti in segwitu għat-

tkeċċija tiegħu. Ilmenta li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu ma kinitx motivata minn raġunijiet tajba u biżżejjed skont il-liġi u għalhekk talab lit-Tribunal jiddikjara t-tkeċċija mill-impieg tiegħu minn mas-soċjetà intimata bħala waħda nġusta. Talab għalhekk lit-Tribunal Industrijali jagħti l-provvedimenti kollha opportuni a tenur tal-artikolu 81 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż li s-soċjetà intimata tiġi ordnata taċċettaħ lura għax-xogħol u tħallsu kumpens ġust.

2.2. L-intimata wieġbet[1] illi ladarba r-rikorrent irreżenja minn jeddu l-każ ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, hekk kif deċiż fil-każ ***Talarico vs Referprom***. Mingħajr preġudizzju għal dan wieġbet ukoll li dan il-każ ma jistax jitqies '*constructive dismissal*' peress li filwaqt li l-ewwel reżenja tal-appellat ġiet minnu rtirata, wara li ġie nfurmat li kien ser jiġi mkeċċi għal raġunijiet dixxiplinarji, reġa' għażel li minflok jirreżenja. L-appellanti tgħid li f' kull każ l-appellat instab li kien jaħli l-ħin u jiskarta d-doveri tiegħu waqt il-ħin tax-xogħol; ġie pproċessat b' passi dixxiplinarji skont il-proċedura nterna u ngħata l-opportunità li jisma' l-akkuża u jiddefendi ruħu; rinfaċċat bl-akkużi kontrih ma ċaħadhomx iżda kkonferma; u diġa kellu *warning* dwar dan it-tip ta' atteġġament fil-passat.

2.3. B' sentenza *in parte* numru 2478 mogħtija fis-16 ta' Mejju 2017, it-Tribunal iddeċieda li:

> *' ... r-rizenja mill-impjieg tar-rikorrent hija fil-fatt tkeccija u jordna l-prosegwiment tal-kaz.'*

2.4. B'sentenza finali numru 2542 mogħtija fis-17 ta' Lulju 2018, it-Tribunal Industrijali iddeċieda l-każ kif ġej:

> *'It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ghagir li nstiga t-tkeccija veru u proprju, gej mill-fatt li rrikorrent kien ilu snin impjegat u mhux facli toltera l-kuntratt ta' mpjegat b'tul ta' snin, u li gie rimpjantat b'impjegat/i b'hafna anqas snin mal-kumpanija. It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll li minkejja x'hemm imnizzel fil-Manual, ma sar l-ebda process ta' dixxiplina san, meta wiehed jikkonsidra li minghajr ma gie avzat biex jipprepara ruhu sew jew itella' mieghu min jirrapprezentah, issejjah ghall-gharrieda u gie pprezentat b'akkuzi bbazati fuq ezercizzju li hu evidenti li ma sarx fuq kulhadd izda kien intenzjonat li jikkonferma decizjoni li kienet diga ttiehdet. Dan it-Tribunal jemmen li l-ezercizzju li minnu nnifsu mhu serju xejn, sar biss biex ikun raguni ghala ghandhom jigu tterminati numru ta' mpjegati fosthom ir-rikorrent u ghaldaqstant il-process kien mill-bidu nett, process ivvizzjat. Bhal ma qal diversi drabi dan it-Tribunal, jerga' jtenni l-importanza ta' process serju ta' dixxiplina li kull impjegat ghandu dritt ghalih, aktar u aktar meta quddiem dan it-Tribunal irrizulta d-*

[1] Fol. 7.

*dedikazzjoni u tul ta' snin ta' servizz u lealta' lejn is-Socjeta' Ntimata. Dan it-Tribunal jinnota wkoll ksur flagranti ta' Artikolu 36(10). tal-Kap 452 tal-Liġi ta' Malta. Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-Terminazzjoni kienet wahda ngusta u bi ksur tal-ligi. F'dan il-kuntest it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' tnax– il elf, disa' mija u erba' ewro u sittax –il centezmu (€12,904.16), li ghandhom jithallsu fi zmien xahar mil-lum.'*

3. Is-soċjetà intimata appellat kemm mid-deċiżjoni *in parte* mogħtija fis-16 ta' Mejju 2017, kif ukoll mid-deċiżjoni finali tas-17 ta' Lulju 2018. Sostanzjalment, l-aggravju tal-appellanti huwa li abbażi tal-provi prodotti t-Tribunal ma setax jasal għall-konklużjonijiet raġġunti: -

(i) Dwar id-<u>deċiżjoni preliminari</u>, tilmenta illi mill-atti jirriżulta li l-appellat hu raġel tal-età tiegħu li ħa d-deċiżjoni li jirriżenja wara li kien rinfaċċjat b'mod kalm u ċivili. Għalhekk, skontha, il-każ ma jaqax fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;

(ii) Mingħajr preġudizzju għal dan, ħassitha aggravata ukoll mid-<u>deċiżjoni fil-mertu</u>. Tgħid li anké jekk il-każ jitqies wieħed ta' tkeċċija, il-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal ma jirriżultawx sostanzjati. '*Għall-kompletezza*', ilmentat ukoll mill-fatt li t-Tribunal ma ta ebda indikazzjoni għall-mod kif bih wasal għas-somma ta' kumpens mogħti.

4. L-appellat da parti tiegħu wieġeb li l-appell tas-soċjetà appellanti mhuwiex ammissibbli għaliex jittanta jilmenta minn kwistjonijiet ta' fatt u mhux minn punt ta' liġi. Bla ħsara għal dan, wieġeb li f' kull każ id-deċiżjoni appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma inkwantu hija bbażata fuq fatti ppruvati u formanti parti mill-atti proċesswali. Dwar il-kumpens mogħti rrefera għal dak stabbilit fl-artikolu 36(10) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Konsiderazzjoni</u>.**

5. Għal dak li jirrigwarda l-limiti ta' appell lil din il-Qorti, issir referenza għal sentenza reċenti mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet ***Marco Pisani vs The AV Warehouse*** mogħtija fil-11 ta' Frar 2019 fejn ingħad kif ġej:

> *'5. Għal dak li jirrigwarda l-limiti ta' appell lil din il-Qorti, l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi li:*
>
> > *'Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi ...'*

*6. Fil-kawża fl-ismijiet* ***Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited***[2] *din il-Qorti tenniet illi:*

*'Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:*

*i. Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta ħażina;*
*ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.'*

*7. Hekk kif deċiż fil-każ* ***Mifsud Nathania Vs Sterling Jewellers****, deċiż minn din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru 2016:*

*'* ***... Filwaqt li kif ingħad, l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal per se jaqa' barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti, hija pero' ghandha l-poter li tindaga jekk fl-isfond tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal Industrijali rrispettax il-principji maghrufa fil-ligi dwar tali kwistjoni kif interpretati u applikati mill-Qrati u cioe' allura jekk saritx applikazzjoni korretta tal-punti ta' dritt ghac-ċirkostanzi partikolari tal-kaz.****'*

*8. F' dan il-kuntest l-ġurisprudenza tgħallem ukoll li:*

*'jinsab statwit fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 82 tal-Att XXII tal-2002 illi d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'humiex appellabbli ħlief fuq punt ta' liġi.* ***Dan il-punt ta' liġi m'hemmx għalfejn ikun definit u deċiż fis-sentenza impunjata*** *għax, ..., l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) dan ma jgħidux.* ***Hu suffiċjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta nvolut jew impliċitu fid-deċiżjoni in kwantu d-deċiżjoni tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipju interpretattiv tal-liġi li l-appellant jikkontesta*** *...*[3]

6. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għall-każ odjern. L-appell in diżamina se jiġi għalhekk meqjus entro l-parametri surriferiti.

7. Permezz tal-**ewwel aggravju** tagħha l-appellanti tilmenta mid-deċiżjoni preliminari mogħtija fis-16 ta' Mejju 2017. It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li '*r-riżenja mill-impieg tar-rikorrent hija fil-fatt tkeċċija'* abbażi tal-konsiderazzjonijiet segwenti:

*'It-Tribunal ried jistabbilixxi jekk dak li allegatament sofra l-Appellant, it-tmiem ta' l-impieg, kienx rizultat ta' rizenja volontarja jew jekk giex imgieghel jirrizenja bl-alternattiva' tkun xorta tkeccija.*

---

[2] Deċiża fit-28 ta' April, 2017.
[3] ***Abela Kevin Mark vs S&A Quality Assurance Surveyors Ltd,*** Qorti tal-Appell, 11 ta' Jannar 2006.

*Tenut kont ta' erba' fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz, cioe:*

*Li l-esponent kien ilu mpjegat mas-socjeta' ghal hdax –il sena.*

*Li fl-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu qabel ma gie tterminat gie offrut li jirrezenja, liema rezenja qabel maghha, wara biddel fehmtu u ghat-theddida li fin-nuqqas ta' dan se jitkecca, rega' rrikorra ghal rezenja volontarja.*

*Li fl-assenza ta' kuntratt tax-xoghol il-haddiema jinghataw Manual kif ipprezentat lil dan it-Tribunal li jesigi fi klawsola 38 l-proceduri ta' dixxiplina huma: elenku ta' x'jista' jwassal ghal twissija verbali, twissija bil-miktub jew tkeccija ghal gross misconduct u x'inhu kkunsidrat gross misconduct.*

*Li l-esponent minkejja li nhargitlu warning f'Awwissu tas-sena 2015, l-HR Manager talistess socjeta' ghamlitlu ittra ta' rakomandazzjoni in segwitu ghat-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol, biex jiffavorixxi ruhu fit-tiftix ta'impjieg iehor*

***Decizjoni***

*It-tribunal jinnota li minkejja li r-rikorrent irrizenja ghal darbtejn, jidher car, kif tghid ir-risposta' tas-socjeta' li meta gie affacjat bl-akkuzi, dak inhar stess gie nfurmat li se jitkecca u li jiddeciedi x'jiddeciedi xorta kien se jispicca mix-xoghol. Jidher car ukoll li kien konfuz kif tghid l-istqarrija tar-rikorent u kif hargu mill-provi. It-Tribunal jifhem li 24 siegha m'humiex bizzejjed biex impjegat jassorbixxi l-gravita' tas-sitwazzjoni u li kien qed jigi affacjat b'Hobson's choice, cioe, jaghzel x'jaghzel xorta tfisser temm ta' impjieg. Dan itTribunal ihoss li kif spjega r-rikorrent it-terminazzjoni tieghu, f'dan l-kaz kienet taht ilforma ta' rizenja, hija fil-fatt imposta fuqu u ghaldaqstant gie mgieghel. Ma taghmilx sens ghal dan it-Tribunal li s-socjeta tesigi gravita' ta' ommissjoni tant li timmerita tkeccija, u fl-istess hin tweghdu rakkomandazzjoni biex tiffavorixxih fis-sejba ta'mpjieg iehor, liema attitudni ghal dan it-Tribunal tidher li setghet tissarraf f'konfuzjoni u emozzjonijiet imhallta li jcajpru l-mod li bih gie affacjat ir-rikorrent biex jifhem ic-cirkostanzi li sab ruhu fihom u finalment jasal ghal decizjoni. Liema decizjoni kellha twassal ghall-istess ezitu.'*

8. Mill-provi[4] jirriżulta li:

- fl-1 ta' Ġunju 2005 ir-rikorrent ġie mpjegat bħala *stacker* għal perjodu indefinit, suġġett għal perjodu ta' *probation* ta' 6 xhur, versu salarju annwali ta' Lm1.79 (€4.17) fis-siegħa, hekk kif jirriżulta mill-kuntratt t'impieg relattiv;[5]

- minn *CCTV footage* li ġie eżaminat mill-appellanti, irriżulta li l-appellat għamel użu mhux xieraq tal-ħin tal-kumpannija **għal total ta' 6.14 siegħa matul tlett ġimgħat fix-xhur ta' Diċembru 2015 u Jannar 2016**;

[4] Skont il-verbal a fol. 125 il-partijiet qablu li l-provi tal-każ 3459/DP japplika ukoll għal dan il-każ.
[5] Fol. 40 – 45.

- l-appellanti għalhekk ħadet proċeduri dixxiplinari kontrih u sar smiegħ tal-każ fil-25 ta' Jannar 2016 f'nofsinhar.[6] Matul is-smiegħ l-appellat ammetta l-akkużi kontrih u żied li dawk l-episodji kienu ilhom jiġru għal żmien twil u ma kinux limitati għal tlett ġimgħat. In vista ta' dan, wara li l-appellanti qieset ukoll li matul l-impieg tiegħu magħha l-appellat kien ingħata *warnings* oħra għall-istess raġuni hekk meta fl-10 ta' Awissu tal-2015 ġie mwissi bil-mitkub talli fl-20 ta' Lulju 2015 għamel użu mhux xieraq tal-ħin tal-kumpannija għal 21 minuta,[7] l-appellanti kienet deċiża li tittermina l-impieg tal-appellat, iżda, għar-raġunijiet minnha mfissra, tagħtu l-għażla li **'*on paper*'** jidher li qiegħed jirriżenja hu:

> '*for the sake of the relationship with Arkadia and considering his overall performance throughout the years,* ***a resignation from his end would also be accepted.***'[8]

> '*kien stacker for il-wine and spirits igifieri ak iż-żmien żgur li ma kienx żmien kwiet. Prattikament għadnielu, spjegajnielu x' kienu l-akkużi u spjegajnielu kemm kien serju l-każ considering li diġa kellu a previous warning fuqha l-ħaġa jġifieri dan f' Awissu kellu warning diga fuq l-istess affarijiet, u prattikament għednielu jekk iridx jieħu ftit tal-ħin biex anka – skużawni, waqt il-hearing komplejna nispjegawlu jekk jifhimx kemm hu ta' ċertu serjeta l-każ.* ***Għednielu ukoll illi considering anka r-relazzjoni li kellna flimkien naċċettaw ukoll riżenja tiegħu jekk hu – iġifieri spjegajnielu li huwa anka każ ta' tkeċċija u għednielu li jekk jixtieq he resigns himself we will accept****…*'[9]

> '*kif qalu l-kollegi tiegħi mbgħad aħna għednielu li dan huwa każ ta' gross misconduct u allura aħna beħsiebna nipproċedu bit-termination.* ***Għall-grazzja tal-fatt illi dan kien ilu mpjegat tagħna and so on and so forth xtaqna illi noffrulu illi jekk irid jirriżenja hu*** *…* '[10]

- da parti tiegħu l-appellat xehed illi, li kien għalih, kien iħallas għas-sigħat li matulhom huwa kien assenta ruħu mix-xogħol bla ġustifikazzjoni jew jaħdimhom żejda jew jitnaqqsuli mil-*leave* u jibqa' impjegat mal-appellanti. Iżda l-appellanti m'aċċettatx din il-proposta:

> '*Jiena tlabtha jġifieri li biex naħdimhom żejda, taqtagħhomli mill-paga, taqtagħhomli mill-leave. M'aċċettatx bl-ebda mod ... mbagħad offrietli li jew nirreżenja ... jekk li jekk ma nirreżenjax – iġifieri jew waħda jew l-oħra – iġifieri jew nitkeċċa fuq bażi dixxiplinarji, u jġifieri hi beżżgħatni biha tat-tkeċċija għax qaltli li jekk titkeċċa fuq passi dixxiplinarji u*

---

[6] Fol. 24.
[7] Fol. 25 – faċċata ta' wara.
[8] Fol. 24.
[9] Xhieda Charmaine Sultana,HR Manager Arkadia, fol. 13.
[10] Xhieda Shirley Grixti a fol. 58.

*mbgħad tmur taħdem u jfittxu l-working history tiegħek tista' tkun diffiċli. Qaltli li kieku kont it-tifel tiegħi kont ngħidlek tirreżenja ...'*[11]

- l-appellat ingħata ftit minuti ċans biex joħroġ u jikkonsulta bit-*telephone* ma min ried, u wara li ċempel lir-raġel t'oħtu ddeċieda li jirriżenja.[12] Dan kien għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar:

  *'għedtilhom li ddeċidejt li nirreżenja għax fl-opinjoni tiegħi dik kienet l-option li lili l-inqas setgħet tagħmilli ħsara għax jiena ridt nibqa' naħdem. Għadni żgħir, irrid naħdem. U x' ħin dak Charmaine qaltli mela tatni karta u biro u qaltli mela issa niktbu r-resignation letter. Qaltli jiena ngħidlek u inti tikteb li ngħidlek jien'*[13]

- ir-riżenja tal-appellat datata 25 ta' Jannar 2016 taqra testwalment kif ġej:

  *'This is to confrim my resignation with immediate effect from Arkadia. I understand that any notice period owed to the company is being waived off and today will be my last working day. I also understand that the last salary will be issued by the cheque covering till the 25th of January 2016. This payment shall be received by latest mid February and will be in full and final settlement of any claims I may have. I confirm I have no claims against the company arising from my employment or it's termination.'*[14]

- dik il-ġurnata stess, fl-15:44, l-appellat bagħat *email* lill-appellanti fejn infurmaha li xtaq jirtira r-riżenja tiegħu:

  *'By means of this communication, I revoke my decision to resign my position with Arkadia as today's decision was taken without proper consideration which led to said decision being taken under pressure'.*[15]

- fil-17:06, Charmaine Sultana weġbitu:

  *'We accept your email hereunder to revoke your resignation.*

  *Having taken into account your version of events during our meeting today, **we hereby confirm termination of your employment on disciplinary grounds as of today**. In this regard you will be receiving the letter by post for your perusal.'*[16]

- l-għada, 26 ta' Jannar 2016 fis-13:43, l-appellat reġa' biddel fehemtu u bagħat email lil Charmaine Sultana li biha għarrafha:

[11] Fol. 69.
[12] Fol. 70.
[13] Fol. 70.
[14] Fol. 30 – faċċata ta' wara.
[15] Fol. 31 – faċċata ta' wara.
[16] Fol. 31.

*'I Brian Farrugia have decided to change my decision to resign instead of terminating my employment under disciplinary grounds.'*[17]

- fid-29 ta' Jannar 2016 l-appellat talab lill-appellanti tagħmillu *reference letter.* Din inħarġet fl-istess ġurnata u taqra kif ġej:

  ***'During his employment with Arkadia he held the position of Stacker. Brian has a good rapport with our customers and enjoyed interacting with his colleagues and other work associates. He was a diligent employee.***

  ***Please feel free to contact me should you require further information'.***[18]

9. M'hemmx dubju li l-appellat kien irriżenja mill-impieg li kellu mal-appellanti. Issa jidher li l-appellat qiegħed jargumenta li d-deċiżjoni tiegħu li jirriżenja kienet vizjata għaliex bażata fuq pressjoni li ġiet eżerċitata fuqu mill-prinċipal. Interessanti kif fir-rikors promotur l-appellat semma biss ir-riżenja tal-25 ta' Jannar, 2019.

10. Din il-qorti ma taqbel xejn mat-Tribunal Industrijali dwar it-tieni riżenja tas-26 ta' Jannar, 2019 meta tqies li:

    i. Fl-ewwel lok l-appellat irriżenja l-ewwel darba għaliex kien jaf li d-decizjoni kienet ser tkun li jitkecca mill-impieg, u ovvjament ma riedx li jkollu dak il-fatt jidher fl-*employment history* tiegħu. Dan wara li l-prinċipal qallu li kien dispost jagħmillu *reference letter* jekk minflok jiddeċiedi li jirriżenja. Wieħed jista' jagħmel argumenti li dak kien każ ta' *forced resignation*. Madankollu dik ir-riżenja kienet irtirata u l-prinċipal accetta, u għalhekk mhux il-każ li jiġi determinat jekk il-kunsens tal-appellat kien viżjat meta ħa l-ewwel deċiżjoni li jirriżenja.

    ii. L-appellat irtira l-ewwel riżenja fil-25 ta' Jannar fit-15:44. F'dak l-istadju żgur li l-appellat kien jaf li jekk il-prinċipal ser jaċċetta d-dikjarazzjoni tal-appellat li kien qiegħed jirtira r-riżenja, kien ser jispiċċa jitkeċċa. Fil-fatt hekk ġara, b'avviż li ngħata lill-appellat l-għada 26 ta' Jannar, 2016 fis-13:43. Deċiżjoni li ovvjament ġiet aċċettata mill-prinċipal. M'hemmx provi li jistgħu jwasslu għall-konvinċiment li f'dak l-istadju ġara xi ħaga li wassal lill-appellat sabiex jemmen li ma kienx ser jitkeċċa. F'dak l-istadju kien hemm it-tkeċċija mill-prinċipal. Għalhekk żgur li ma jistax

[17] Fol. 31.
[18] Fol. 32.

jingħad li it-tieni riżenja kellha x'taqsam ma forced resignation, għaliex l-appellat kien tkeċċa meta talab lill-appellanti sabiex minflok jirriżenja.

iii. Saħansitra fid-29 ta' Jannar, 2016, ċjoe' ġranet wara li għat-tieni darba għarraf lill-appellanti li kien qiegħed jirriżenja, l-appellat talab ghall-*reference letter*. Fatt li jkompli juri kemm meta għat-tieni darba ħa d-deċiżjoni li jirriżenja mill-impieg, id-deċiżjoni tal-appellat ma kinitx viżjata u kien jaf x'qed jagħmel.

11. It-tieni riżenja, li kienet deċiżjoni unilaterali tal-appellat, ma setatx tiġi rtirata jekk mhux bil-kunsens tal-appellanti. Ma kienx hemm cirkostanzi speċjali li jwasslu għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tal-appellat kienet vizjata, meta tqies li l-appellat bagħat l-avviż tat-tieni riżenja l-għada u tlett ijiem wara saħansitra talab ir-*reference letter* mingħand l-appellanti. It-Tribunal Industrijali kkonkluda li l-appellat ġie mġiegħel jirriżenja meta m'hemmx dik il-prova fir-rigward tar-riżenja tas-26 ta' Jannar, 2016. Dan iktar u iktar meta f'dak l-istadju l-appellat kien imkeċċi mix-xogħol. Għaldaqstant, ma kienx hemm bażi legali sabiex fid-deċiżjoni preliminari jikkonkludi li *".... r-riżenja mill-impieg tar-rikorrent hija fil-fatt tkeċċija..."*. Hu ovvju li l-appellat kien ikkunsidra il-konsegwenza bejn tkeċċija u li jkollu *a clean record* fir-rigward tal-impieg, u volontarjament għażel li jilħaq ftehim mal-appellanti li min-naħa tagħha tħassar it-tkeċċija u hu jirriżenja. Ladarba għamel l-għażla għat-tieni darba u offerta lill-appellanti li min-naħa tagħha aċċettat, ġie li l-partijiet ikkonkludew ftehim bejniethom. Ma jistax issa l-appellat unilateralment jibdel fehemtu u jirtira minn dak il-ftehim.

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti, tħassar id-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali tas-16 ta' Mejju, 2017 u tas-17 ta' Lulju, 2018 u filwaqt li tilqa' d-difiża tal-appellanti stante li l-appellant irriżenja minn jeddu fis-26 ta' Jannar 2016, tiċħad it-talba tal-appellat magħmula bir-rikors tal-15 ta' April, 2016.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.